MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1231/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jeffrey Darmanin sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Jeffrey Darmanin**

**Vs**

**Neville Ciappara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm264.68c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form* fejn il-konvenut Neville Ciappara qal:

"Kont qed indur bl-indicator mixghul fuq il-lane tieghi u l-vettura JBE 476 dahlet fuqi fuq wara."

Jeffrey Darmanin qal:

"Kont niezel lejn Hal Qormi u l-vettura BAH 253 daret f'daqqa fuqi minghajr indicator."

Ra x-xhieda ta' Jeffrey Darmanin fejn jghid li kien niezel fuq il-*lane* ta' barra lejn in-nizla ta' Haz Zebbug. Jghid illi la traffiku ma kien hemm u lanqas karozzi quddiemu izda f'daqqa wahda dehret kurva quddiemu u ra karozza ddur fuqu. Jghid ukoll illi ma setax jibbrejkja u ghalhekk sar l-impatt.

Darmanin jghid li l-konvenut ma kellux *indicator* mixghul. Jikkonferma li bhala hsara kellu quddiem fuq in-naha tax-xellug u l-konvenut kellu la genbha n-naha tal-lemin. Jghid ukoll illi bejn il-karozza tieghu u s-*centre-strip* kien hemm spazju ta' karozza. Bhala *speed* kien ghaddej bejn erbghin u hamsa w erbghin kilometru fis-siegha.

Jghid illi ghalkemm iffirma l-*Front to Rear Form*, xorta ma jaqbilx ma' l-iskizz. Darmanin jghid illi wara l-habta l-karozzi kienu iktar vicin.

Ra x-xhieda ta' John Lentini li huwa *Claims Manager* mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-istess socjeta' attrici hallset id-danni li sofra Jeffrey Darmanin fl-imsemmi ncident hlief hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess*.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi kien niezel lejn Haz Zebbug fuq il-*lane* ta' barra. Jikkonferma li xeghel l-*indicator* biex jikser 'il fuq lejn H'Attard. Jghid li meta dar fuq il-lemin saret il-habta. Jaqbel ma' l-iskizz.

Ciappara jghid illi kellu l-hsara fuq il-lemin minhabba li kien diga' kiser meta saret il-habta. Jghid li hu ma waqafx qabel ma dar izda naqqas l-i*speed* imbaghad dar. Bhala *speed* jghid li kien ghaddej b'xi hamsa u tletin. Jikkonferma wkoll illi ra lill-attur mill-mera qabel ma saret il-habta izda kien ghadu xi mitt metru 'l boghod.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu **(Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)**."

Huma l-atturi li kellhom juru li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident ghaliex qasam il-*lane*. Illi f'din il-kawza m'hemmx provi sufficjenti biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-incident gara ghaliex il-konvenut qasam il-linja tat-traffiku. Il-konvenut jghid li kien qieghed isuq quddiem Darmanin u li Darmanin dahal go fih minn wara waqt li kien qed idur fuq il-lemin. Darmanin jghid li ma kienx ra l-vettura tal-konvenut qabel ma dar ghal fuqu.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------